MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 705/2008

Fl-atti tar-Rikors għall-finijiet tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji fl-ismijiet:

Friedrich **SCHREINER**

vs

Khawla **SCHREINER**; u *Gepro Limited (C-34509)*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Friedrich Schreiner fil-kwalita' tiegħu ta' azzjonist tal-kumpannija intimata Gepro Limited fil-15 ta' Lulju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti (a) tordna u tawtorizza li Gepro tħallas il-ħlas dovut lil Khalid Al Alem skond il-fattura mressqa minnu, għall-finijiet tal-artikolu 402(3)(ċ) tal-Att Dwar il-Kumpanniji, u dan biex ma jibqgħux jiżdiedu l-ispejjeż u l-imgħaxijiet fuq l-ammont fatturat; (b) għall-finijiet tal-istess artikolu, tillikwida l-ħlas dovut lilu bħala spejjeż minfuqa fl-interess tal-istess Gepro, u tordnalha tħallsu s-somma hekk likwidata; (ċ) għall-finijiet tal-istess artikolu, tillikwida l-*management fee* li jistħoqqlu għas-servizzi li hu ta lil Gepro bejn April tal-2005 u Marzu 2006 u tul ix-xahar ta' Jannar, 2007; (d) issib li l-intimata Khawla Schreiner taħti għat-telf u d-danni li huwa ġarrab minħabba n-nuqqasijiet tagħha bħala direttriċi ta' Gepro; (e) għall-finijiet tal-artikolu 402(3)(f) tal-Att dwar il-Kumpanniji, tillikwida u tordna l-ħlas lilu tad-danni mwettqa mill-intimata Schreiner minħabba l-imsemmija nuqqasijiet tagħha; (f) tgħaddi biex ixxolji l-kumpannija intimta Gepro u tagħti Ordni ta' Stralċ fil-konfront tagħha skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 402(3)(ġ) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta); u (ġ) tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq f'dan ir-rigward u biex taħtar stralċjarju;

Rat in-notifika tal-atti tar-rikors lill-intimati għall-finijiet tar-Regolament Komunitarju rilevanti;

Rat li l-ebda wieħed mill-intimati ma ressaq Tweġiba fl-atti tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2008, li bih ordnat lir-rikorrent iressaq il-provi tiegħu waqt is-smigħ li jmiss;

Rat in-nota mressqa mir-rikorrent fil-11 ta' Diċembru, 2008[1], b'dikjarazzjoni ta' xhieda maħlufa minnu u b'bosta dokumenti mehmużin magħha;

[1] Paġġ. 49 sa 79 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2009, li bih u fuq talba tal-istess rikorrent, ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tisma' x-xhieda li kien għad fadallu jressaq ir-rikorrent;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju waqt is-seduta tat-18 ta' Frar, 2009;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-5 ta' Marzu, 2009, mill-avukat tar-rikorrent u dan għall-finijiet biss tas-sitt talba tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2009[2], li bih ordnat li l-kumpannija intimata titqiegħed fi proċess ta' stralċ u ħatret lill-avukat Dottor Stefano Filletti bħala stralċjarju tal-istess kumpannija;

Rat in-Nota mressqa mill-istess stralċjarju fit-8 ta' Ottubru, 2009 bit-tagħrif dwar il-qadi tal-ħatra mogħtija lilu u l-proċess tal-likwidazzjoni;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar preġudizzju mhux ġust b'talba għal xoljiment u stralċ ta' kumpannija. Ir-rikorrent irid li, minħabba li l-intimata Khawla Schreiner ma tridx twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala direttriċi flimkien miegħu tal-kumpannija tagħhom intimata, l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa biex ma jibqax iġarrab ħsara u preġudizzju minħabba din l-imġiba tal-intimata. Irid li l-Qorti tawtorizża l-ħlasijiet ta' kull dejn li għad fadlilha tħallas il-kumpannija

[2] Paġġ. 92 – 7 tal-proċess

intimata lil terzi, tillikwida l-kumpens li jistħoqqlu jitħallas għas-servizzi li huwa ta lill-kumpannija intimata u li tagħhom għadu ma tħallasx, issib li l-intimata taħti għat-telf u d-dannu li qiegħed ibati minħabba n-nuqqas ta' twettiq ta' dmir min-naħa tal-istess intimata, u biex tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpannija intimata;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li r-rikorrent u l-intimata kienu miżżewġin. Waqt iż-żwieġ tagħhom huma waqqfu l-kumpannija intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "Gepro") f'Marzu tal-1996[3] li kienet maħsuba li twettaq attivitajiet kummerċjali barra minn Malta. Il-kapital awtorizzat (u maħruġ) tal-kumpannija, li kienet waħda privata, kellu jkun ta' għaxart elef mitejn u tletin euro (€10,230) magħmul minn daqstant ishma ta' euro l-wieħed maqsum indaqs bejniethom (jiġifieri 5,115 sehem kull wieħed minnhom). Il-miżżewġin Schreiner kienu ż-żewġ diretturi tal-kumpannija, minbarra li r-rikorrent kie ukoll segretarju tal-istess;

Illi fost l-attivitajiet kummerċjali li Gepro seħħilha tikseb kien hemm kuntratti fil-Libja. Is-servizzi mogħtijin minn Gepro fl-aħħar wieħed intemmu fi Frar tal-2006[4]. Minħabba li nqalgħu diffikultajiet dwar il-ħlasijiet, ir-rikorrent u l-intimata, flimkien mal-avukati rispettivi tagħhom u l-awditur ta' Gepro, bdew sensiela ta' laqgħat biex isibu tarf ta' kif sejrin jitkomplew jitmexxew l-affarijiet tal-kumpannija;

Illi minħabba nuqqas ta' qbil fil-ħajja miżżewġa, r-rikorrent u l-intimata nfirdu u, eventwalment f'Settembru tal-2007, xoljew iż-żwieġ tagħhom. L-intimata marret tgħix fil-Ġermanja, iżda qablu li sakemm itemmu l-kuntratti li kienu għadhom m'humiex magħluqa, Gepro tibqa' titħaddem u mbagħad ixoljuha meta l-kuntratti jintemmu;

Illi wara li Gepro wettqet u temmet il-kuntratti li kellha, r-rikorrent u l-awditur ta' Gepro fasslu l-konteġġi dwar kull pendenza li kie għad fadal, fosthom il-ħlasijiet dovuti lil konsulent – wieħed Khaled El Alem – li kien tqabbad biex

[3] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 19 tal-proċess
[4] Affidavit tar-rikorrent, f'paġ. 50 tal-proċess

jgħin fit-twettiq tal-kuntratti fil-Libja. L-intimata ma tatx il-kunsens tagħha biex tapprova l-imsemmija konteġġi, minkejja li ma merietx l-istess konteġġi. Dwar kull deċiżjoni li tkun trid tittieħed, ukoll l-aktar waħda sempliċi, l-intimata tippretendi li tissejjaħ laqgħa straordinarja ġenerali jew laqgħa tal-Bord, u li Gepro tħallsilha l-ispejjeż kollha tal-vjaġġ u l-alloġġ biex tiġi Malta biex tattendi laqgħa bħal dik;

Illi minħabba n-nuqqas ta' kunsens, Gepro ma tistax tagħlaq il-pendenzi tagħha u qiegħda ġġarrab penali u spejjeż ta' interessi kuljum. F'Lulju tal-2008, infetħet din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-azzjoni tal-lum, xieraq jingħad li l-artikolu 402 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) jaħseb biex jagħti rimedju lil azzjonist ta' kumpannija dwar il-mod kif ikun qiegħed jitmexxa x-xogħol ta' dik il-kumpannija jew dwar xi għamil jew nuqqas ta' għamil li jkun, jew jista' jkun, ta' ħsara jew preġudizzju għall-istess azzjonist jew għall-interessi tal-membri tal-kumpannija in ġenerali, billi dak l-għamil jew nuqqas ikun oppressiv b'mod mhux ġust jew diskriminatorju. Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, l-liġi taħseb għall-għoti ta' rimedju lil azzjonist f'qagħda bħal din u l-Qorti tista' tagħti d-direttivi u ordnijiet li jidhrilha xierqa u meħtieġa kemm b'mod definittiv u kif ukoll f'sura provviżorja jew *interim* sakemm tgħarbel bir-reqqa l-kwestjoni fil-mertu[5];

Illi l-kliem "tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija" msemmija f'dak l-artikolu jiġbru fihom firxa wiesgħa ta' ċirkostanzi li jolqtu l-ħajja tal-istess kumpannija, għalkemm dan ma jgħoddx fih kwestjonijiet privati bejn membri tal-istess kumpannija. B'mod partikolari, din it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija tista' tinvolvi nuqqas ta' azzjoni jew azzjoni f'waqtha minn xi direttur/i tal-istess kumpannija[6], u

---

[5] P.A. TM **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited et*** (mhix pubblikata)
[6] Andrew Muscat <u>*Principles of Maltese Company Law*</u> (MUP 2007) Chap 16, paġ. 967

saħansitra f'xi ċirkostanzi partikolari, azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni f'waqtha minn azzjonisti oħrajn tal-kumpannija.

Illi, filwaqt li l-piż tal-prova tal-fatt allegat jaqa' fuq l-azzjonist li jressaq din il-proċedura, huwa meħtieġ ukoll li l-azzjonist juri li l-għamil jew in-nuqqas li minnu jilminta jkun laqat l-nteressi tiegħu ta' azzjonist, u mhux sempliċement l-interess li huwa jista' jkollu bħala direttur tal-istess kumpannija jew sempliċi interess bħala kreditur tagħha[7];

Illi biex imġiba titqies oppressiva, diskriminatorja jew li tnissel preġudizzju gravi, jrid jintwera mill-parti rikorrenti li l-għamil jew l-omissjoni tkun oġġettivament ġabet jew sejra ġġibilha ħsara fl-interessi tagħha bħala azzjonista tal-kumpannija. Mhux meħtieġ li turi li l-għamil fih innifsu kien kontra l-liġi. "*It should be noted that it is not necessary for the member to show actual irregularity, an invasion of his legal rights, a lack of probity or a want of good faith by those in control of the company*"[8]. Jiswa ħafna li l-kejl tal-preġudizzju mhux ġust ikun mibni fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi u mhux skond kif tifhimhom il-parti li tressaq l-ilment;

Illi, meta wieħed iqis ir-raġunijiet li dwarhom ir-rikorrent wasal biex iressaq din il-kawża, wieħed jilmaħ bla wisq tbatija li l-atteġġament u l-imġiba tal-intimata (għalkemm fiha nnifisha mhux kontra l-liġi u lanqas bi ksur sfaċċat tal-istatut ta' Gepro) qiegħed joħolq sitwazzjoni fejn il-piżijiet fuq Gepro qegħdin jittaqqlu bla ebda raġuni tajba ma kull jum li jgerbeb (fis-sens li d-djun li Gepro lesta u għandha l-assi biex tħallas, qegħdin jitħallew b'kapriċċ pendenti bil-konsegwenza li qegħdin jinġemgħu imgħaxijiet u penali, u tesponiha għal azzjoni ġudizzjarja)[9]. L-istess imġiba tal-intimata qiegħda ġġib ħsara iżjed diretta lir-rikorrent bħala azzjonist għaliex qegħda żżommu bla raġuni tajba milli jieħu dak lilu mistħoqq minn Gepro. L-istess imġiba tal-intimata qegħda wkoll iġġib ħsara lilha nnifisha, għaliex,

[7] *Ibid.* paġ. 993
[8] *Ibid.* paġ. 971
[9] Fost dawn il-kredituri kien hemm id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji , ara x-xhieda ta' Mark Azzopardi Holland 2.2.2010, f'paġġ. 133 – 5 tal-proċess

jimpurtaha jew ma jimpurtahiex minn sehemha fil-kumpannija, iċ-ċaħda tagħha li tapprova l-konteġġi qegħda żżommha wkoll milli tieħu s-sehem tagħha minn Gepro. Fuq kollox, minħabba li din il-qagħda tnisslet bla ma tista' tkun rimedjata b'mod ieħor (minħabba li, skond l-istatut[10] la tista' tissejjaħ laqgħa straordinarja u lanqas tista' titlaqqa' laqgħa tal-Bord tad-diretturi) l-Qorti tasal għall-fehma li l-imġiba tal-intimata hija tassew waħda li oġġettivament qiegħda toħloq preġudizzju mhux ġust kontra r-rikorrent, minbarra li tikkostitwixxi nuqqas mhux ġustifikat ta' tmexxija b'għaqal u ħila tad-dmirijiet tagħha fl-affarijiet ta' Gepro li l-intimata mistennija li turi bħala direttur tal-istess[11]. Dan jingħad minbarra l-fatt li bejn ir-rikorrent u l-intimata ma fadal l-ebda ħjiel ta' rispett jew fiduċja reċiproka li mqar tħalli li Gepro ttemm il-ħidma kummerċjali li fadliha[12];

Illi dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl tar-rimedji li din il-Qorti ntalbet li tagħti – u li f'parti minnhom diġa' pprovdiet għalihom bid-degriet tagħha li tqiegħed lil Gepro taħt proċedura ta' stralċ. Il-Qorti setgħet tara li bejn ir-rikorrent u l-intimata nibet stat ta' nuqqas ta' kollaborazzjoni f'kollox, u mingħajr l-iċken dubju nħalaq xenarju magħruf bħala "*deadlock*" bejniethom fejn tidħol it-tmexxija ta' Gepro. Imma huwa magħruf li qagħda bħal din ma tagħtix lok għar-rimedju ta' stralċ taħt l-artikolu 402, imma taħt id-dispożizzjonijiet usa' msemmija fl-artikolu 214 tal-Att[13]. L-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum tressqet speċifikatament taħt l-artikolu 402. Għalhekk huma biss ir-raġunijiet serji u gravi maħsubin f'dak l-artikolu, u mhux raġunijiet oħrajn li jistgħu jintlaqgħu taħt l-artikolu 214 imsemmi, li jridu jeżistu biex il-Qorti tasal biex tagħti r-rimedju estrem tax-xoljiment u stralċ tal-kumpannija f'azzjoni bħal din;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel u ta' dak li ħareġ mill-provi, magħdud ukoll il-fatt li, kieku ma kienx

---

[10] Klawsoli 10(ċ) u 12, f'paġġ. 12 u 15 tal-proċess

[11] Victor Joffe Minority Shareholders: Law, Practice and Procedure (Butterworths, 2000), f'paġġ. 183 – 5

[12] Ara P.A. RCP **31.5.2007** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel sive Noel Magri vs Magri & Zammit Operations Ltd et***

[13] Muscat *op. cit.* paġġ. 1030 – 1

għall-intransiġenza mhux mistħoqqa tal-intimata, Gepro kienet sejra tkun xolta xorta waħda, il-Qorti sejra tikkunsidra dik it-talba tar-rikorrent bħala mibnija fuq raġuni tajba;

Illi jrid jingħad li dwar bosta mit-talbiet tar-rikorrent kien hemm żvilupp waqt li l-kawża kienet miexja. Dan ġara għaliex, bis-saħħa tal-provvediment li tat il-Qorti f'Ġunju tal-2009 permezz tal-ħatra ta' stralċjarju, dan seħħlu jiġbor u jillikwida l-attiv u l-passiv ta' Gepro u ħejja pjan li bih waqqaf uħud miċ-ċirkostanzi li kienu qegħdin jixorbu l-assi ta' Gepro u ħallas xi krediti li wkoll kienu qegħdin inaqqru mill-istess assi. Gepro ma kinitx fi stat ta' insolvenza[14]. Jirriżulta li l-istess stralċjarju wettaq ukoll eżerċizzju tal-qasma tal-assi bejn l-azzjonisti, b'mod li illikwida wkoll sehem l-intimata. Is-sehem likwidat spettanti lill-intimata tqegħed b'ċedola ta' depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti fl-interessi tal-istess intimata[15]. Ir-rikorrent aċċetta l-imsemmi eżerċizzju u rratifikah f'Awissu tal-2009[16] mingħajr ebda riżerva. Dan l-ezerċizzju għalhekk jolqot bosta mit-talbiet tar-rikorrent;

Illi fid-dawl ta' dak li ssemma' l-**ewwel,** it-**tieni u t-tielet talbiet** tar-rikorrent jinsabu sodisfatti u l-Qorti m'hemmx għalfejn tqishom aktar, ħlief kif sejjer jingħad aktar 'l isfel dwar ir-raba' u l-ħames talbiet tiegħu;

Illi fir-**raba' u l-ħames talbiet**, ir-rikorrent irid li l-Qorti tipprovdi għall-ħlas lilu tal-kumpens minħabba l-imġiba oppressiva jew mhux ġusta tal-intimata. Dawn it-talbiet jinbnew fuq l-artikolu 402(3)(f) tal-Kap 386. Jidher li l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward jikkonsistu fit-telf li ġarrab hu personalment bħala azzjonist u f'dak li ġarrbet Gepro (li minnu, bħala azzjonist, jippretendi nofs l-ammont li sejjer ikun likwidat) minħabba t-tnikkir tal-intimata[17]. Il-Qorti tqis, madankollu, li r-rikorrent baqa' jitlob il-ħlas tal-imgħaxijiet għal żmien ukoll wara li kien sar il-ħlas mill-istralċjarju (f'Settembru tal-2009). Ladarba r-rikorrent ma għamel l-ebda riżerva għall-pjan tal-

[14] Ara rendikont tal-istralċjarju f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess
[15] Ċedola Nru. 1534/09 f'paġ. 144 tal-proċess
[16] Dikjarazzjoni f'paġ. 108 tal-proċess
[17] Xhieda tar-rikorrent 2.2.2010, f'paġġ. 129 sa 131 tal-proċess

likwidazzjoni u l-qasma mfassal mill-istralċjarju, hija tqis li b'seħħ minn dak inhar, inqatlet kull obbligazzjoni li setgħet kienet għadha pendenti u magħha kull raġuni biex jibqa' jinġema' l-imgħax;

Illi mill-bqija, hija mistħoqqa l-pretensjoni tar-rikorrent dwar id-dewmien fil-ħlas dovut lilu kif fuq ingħad sa qabel ma tfassal u nqabel il-proċess tal-likwidazzjoni tal-assi ta' Gepro. L-effett ta' dak id-dewmien hu l-ħlas ta' mgħax[18]. Għalhekk, fuq il-prospett maħdum mir-rikorrent innifsu[19], il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni mġarrbin minnu minħabba l-imġiba tal-intimata fis-somma ta' għaxart elef mitejn u sebgħa u sebgħin euro u disgħin ċenteżmi (€10,277.90) bħala danni mġarrbin direttament minnu bħala azzjonist u erbatax-il elf ħames mija u wieħed u disgħin euro u tletin ċenteżmi (€14,591.30) bħala sehemu bħala azzjonist mid-danni mġarrbin minn Gepro minħabba l-imġiba tal-intimata;

Illi għalhekk, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrent sejrin jintlaqgħu kif hawn imfisser;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tibqa' tqis iżjed l-ewwel tliet talbiet** tar-rikorrent, u dan minħabba li ġew eżawriti matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża;

**Tilqa' r-raba' talba** tar-rikorrent billi ssib li l-intimata Khawla Schreiner hija responsabbli għat-telf u d-danni mġarrbin mir-rikorrent minħabba l-imġiba tagħha bħala direttur fil-kumpannija intimata Gepro Limited;

**Tilqa' l-ħames talba** tar-rikorrent billi tillikwida d-danni minnu mġarrba kif fuq imgħad fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf tmien mija u disgħa u sittin euro u għoxrin ċenteżmi (€24,869.20), u tikkundanna lill-intimata Khawla Schreiner tħallsu l-ammont hekk likwidat;

---

[18] Artt. 1139 sa 1141 tal-Kap 16
[19] Dok "FS1", f'paġġ. 112 – 3 tal-proċess

**Tastjeni milli tqis aktar is-sitt talba tar-rikorrent** fid-dawl tad-degriet tagħha tat-3 ta’ Ġunju, 2009, li għandu jitqies li jagħmel parti minn dan il-provvediment, iżda tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta’ dan il-provvediment, jibgħat kopja tiegħu u tal-imsemmi degriet lir-Reġistratur tal-Kumpanniji għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Tordna li l-intimata Khawla Schreiner **tħallas l-ispejjeż** ta’ din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------